**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 15/K7/2014**

**Introduzzjoni**

Il-Hmistax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare, l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' Settembru 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 14/K7/2014.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Aggudikar ta' Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014.**
10. **Specifikazzjonijiet ghat-tenders li ser jinhargu.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 14/K7/2014 kif pprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 14/K7/14 item 3.08** fejn irrimarka li fuq il-proposta tal-Kunsillier Charles Cesare biex il-Kunsill johrog fuljett informattiv li jitqassam fid-djar kollha tal-

lokal dwar liema sigar qed ikun issuggerit li jithawwlu kemm fil-privat kif ukoll f'postijiet pubblici, liema inizjattiva tista' tghin biex thajjar aktar residenti jhawwlu sigar fil-lokal inkluz li tali proposta kienet giet issekondata mill-Kunsillier Mark Causon fejn kien zied li huwa kien lest li jikkompila l-materjal li hemm bzonn, ***il-kelliem staqsa lill-Kunsillier Mark Causon jekk kienx hemm xi zviluppi dwar dan.***

2.02. Il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ghandu jipprovdi lill-Kunsill id-draft.

2.03. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 14/K7/14 item 6.26** fejn kien irrimarka li l-Vici Sindku Raymond Lanzon kien infurmah li l-Kunsill huwa mistieden jippartecipa fl-inizjattiva Walk the Towers u fejn il-Kunsill qed jigi mitlub jara li t-Torri tal-Madliena jkun imdawwal, ***il-kelliem irrimarka li l-Vici Sindku Raymond Lanzon kien infurmah li hemm ix-xewqa li jitwahhlu fjakkoli fuq il-post ghal waqt l-attivita', dejjem jekk l-attivita' ser issir.***

2.04. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 14/K7/14 item 6.49** fejn kien irrimarka li r-rapport li sar mill-CM Raphael Carabott b'lista aggornata u ritratti ta' kull sit tal-bicciet t'artijiet pubblici l'inghataw minghajr ebda pretenzjoni lir-residenti biex jiehdu hsiebhom, ***il-kelliem irrimarka li ghalkemm kellu jigi diskuss informalment nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2014 bejn il-membri tal-Kunsill, dan ghad ma giex diskuss.***

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 056-2014** - Bord ta' l-Ghazla Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014 **(Ara Dok. A) u Internal Memo 057-2014** - Lista ta' laqghat li saru 14/K7/14 u 15/K7/14 **(Ara Dok. B)**.

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works | Order | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 169 | 2014 | 20/08/2014 | G & P Borg | Ordni ta' ramel u siment. |
| 170 | 2014 | 21/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza maqtugħa li hemm fil-kantuniera ta' Triq Ferdinand Gregh bi numru W091. |
| 171 | 2014 | 25/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza maqtugħa li hemm fil-kantuniera ta' Triq Luigi Rosato ma' Triq Don Luigi Rigord. |
| 172 | 2014 | 25/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza maqtugħa li hemm fi Triq Gabriele Henin bi numru W 063 li tiġi mal-faċċata tad-dar 45. |
| 173 | 2014 | 26/08/2014 | Pembroke Self Service | Ordni ta' gallettini u pakketi ghal-laqgha tal-Kunsill. |
| 174 | 2014 | 27/08/2014 | Koptasin | Tlabna sabiex parkeġġ li hemm fi Triq Pietru D'Armenia jinbidel f'parkeġġ għall-użu tal-muturi u kf ukoll jinżebgħau l-parking bays li hemm u sabiex isiru l-parking bays fi Triq Tunis. |
| 176 | 2014 | 27/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna jirranga bozza maqtugħa li hemm fi Triq San Patrizju ma' Blokk 1 bin-numru W123. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 182 | 2014 | 29/08/2014 | Bakers Point | Tlabnih sabiex isewwi l-microwave tal-Kunsill. |
| 190 | 2014 | 29/08/2014 | Transport Malta | Ordni ta' parking dials. |
| 198 | 2014 | 11/09/2014 | Koptasin | Tlabna sabiex isiru l-marki tat-traffiku kif mitlub minn TM ma kull road hump li hawn f'Pembroke. |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilmenti li rcieva l-Kunsill fejn ippropona li jigi ordnat ix-xoghol li hemm bzonn isir.

38/2014 Jigu rrangati l-kaptelli ta' Triq San Gorg Preca minhabba li hemm minnhom perikoluzi, minn hu l'fuq u min l'isfel u fejn hu mkisser il-konkos tad-dawra taghhom, jitilghu l-wirdien.

3.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li jekk hemm bzonn jigu rrangata l-kaptelli kollha simili li hemm fl-istess zona.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-26 ta' Awwissu u t-23 ta' Settembru 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4191/14/I 01/09/2014** Email minghand in-Nature Trust fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar li t-tabelli tal-qanfud, informaw lill-Kunsill li qed jirrakkomandaw li jitwahhlu fejn jghidilhom il-Kunsill pero' huma qed jahsbu li jitwahhlu fi Triq il-Mediterran u fit-triq li taghti ghall-lukandi.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4191/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jinforma lil Nature Trust li din it-tabella ghandha titwahhal fit-triq li taghti ghal Pembroke Athleta fejn hemm il-bidu tac-cycle path.

6.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li ghandhom jigu approvata dawk it-tabelli diskussa fil-laqgha precedenti (Min 14/K7/2014 – 6.73) nkluz li titwahhal ukoll wahda fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4197/14/I 01/09/2014** Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghat-tender minghajr garanzija valida nformaw lill-Kunsill, li l-Kunsill ghandu jimxi mal-proceduri tal-Kunsilli Lokali fuq sejhiet t'offerti u t-tender inkwistjoni

ghandu jitqies null.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4197/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li la issa l-kaz huwa maghluq, it-tender ghal-Servizz ta' Perit ghandu jerga' jinhareg kif kien gie deciz fil-laqgha referenza 09/K7/14 item 6.14, bil-mizata tad-dokument ghandha tkun dik ta' €50.00.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li huwa dizgustat bis-servizz tal-Perit prezenti minhabba nuqqas ta' xoghol apparti li l-Kunsill ma hareg ebda Default Notice u ghalhekk m'hemm xejn x'itellef lill-istess Perit milli jerga' jitfa' l-offerta tieghu meta ser jinhareg tender gdid.

| | |
|---|---|
| **46/4223/14/I**<br>**03/09/2014** | Email minghand il-Perit Kevin Fsadni dwar Triq Mandalay fejn informa lill-Kunsill l'iddiskuta mal-persuna li ghamel is-survey u kkonferma li l-persuna li kellha l-problema jafu biha u hadu hsieb il-problema taghha waqt li sar d-disinn, inkluz li kif jibda x-xoghol il-persuna ser tintalab tipprova tohrog il-vettura mill-garaxx taghha. |

6.09. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4223/14/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li huwa mportanti li l-Perit jiltaqa' mar-resident koncernat qabel il-Kunsill jiehu decizjoni finali dwar jekk huwiex ser isir ix-xoghol.

6.10. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4238/14/O**<br>**04/09/2014** | Email li l-Kunsill baghat lil-Regjun Tramuntana fejn gie nfurmat li l-Kunsill qed jitlob li t-triq fejn il-kumpless tal-Melita tkun identifikata bhala Triq il-Mediterran Melita. |

6.12. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4238/14/O** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-decizjoni.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4257/14/I**<br>**04/09/2014** | Email minghand Pembroke Athleta fejn staqsew jekk il-Kunsill hux ser jipprovdi l-iskip tar-riciklagg. |
| **46/4285/14/O**<br>**05/09/2014** | Email li l-Kunsill baghat lill-GreenPak fejn intalbet laqgha maghhom nhar it-Tlieta 9 ta' Settembru fit-8.30am dwar il-provvista, zamma u manutenzjoni tal-Bring in Sites. |

6.15. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4257/14/I u 46/4285/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jerga' jitlob lill-WasteServ biex jipprovdu din l-iskip minhabba li t-talba saret waqt li kien ghad hemm il-kuntratt ghaddej bejn iz-zewg nahat, jekk ma jaccettawx il-Kunsill jitlob lill-GreenPak biex jipprovdu din l-iskip u jekk ukoll ma jaccettawx, il-Kunsill jitlob il-parir ta' l-istess GreenPak dwar liema wahda mill-iskips li fiha jingabar plastik fil-lokal hija l'anqas li tintuza biex tigi trasferita ghal fejn Pembroke Athleta. Il-kelliem qal li kopja tal-korrispondenza ghandha tintbaghat ukoll lil Pembroke Athleta.

6.16. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4307/14/I** 06/09/2014 | Email minghand is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn baghat artiklu li deher fuq gazzetta Times of Malta dwar it-toroq fejn il-bajja ta' San Gorg, liema toroq ser ikollhom jigu modifikata minhabba l-progett propost ta' Villa Rosa. |
| **46/4449/14/O** 16/09/2014 | Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-membri tal-Kunsill dwar il-link fejn hemm ippubblikata l-EIA konness mal-progett propost tal-Villa Rosa u gew infurmata li d-data ta' l-gheluq tas-sottomissjonijiet hija s-26 ta' Settembru 2014. |
| **46/4454/14/I** 17/09/2014 | Email minghand Ersli Consultants bil-link minn fejn il-Kunsill jista' jaccessa l-EIA. |

6.18. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4307/14/I, 46/4449/14/O u 46/4454/14/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill ghandu jikkommunika ma' l-FAA u l-Kunsill Lokali San Giljan dwar jekk dawn l-entitajiet humiex jippreparaw xi rapporti dwar l-EIA li sar dwar l-izvilupp propost, u jekk ir-risposta tkun fil-pozittiv huwiex possibbli li jipprovdu kopja lill-Kunsill halli jekk il-Kunsill ikun jaqbel, ikun jista' jinghaqad mal-kawza taghhom.

6.19. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4349/14/I** 11/09/2014 | Permess minghand il-MEPA fejn baghtu lista ta' regoli f'kaz li ser issir xi clean up fuq ix-xaghri ta' Pembroke (Sit Natura 2000) valida sat-22 ta' Awwissu 2015. |
| **46/4350/14/I** 11/09/2014 | Permess minghand il-MEPA fejn b'referenza ghat-talba tal-Kunsill sabiex jinqata il-haxix tul il-xaghri (Sit Natura 2000) infurmawna li dan ma jistax jinqata' u huwa permess biss li jinzabar il-haxix u l-palm ta' Triq il-Mediterran abbazi li jkunu nfurmatha minn 5 t'ijiem qabel. |

6.21. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4349/14/I u 46/4350/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dawn kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

6.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat esegiet li tehel tabella No Parking on the Grass fi Triq il-Mediterran fejn hemm il-kamra tad-dawl.

6.23. Wara kummenti li saru mill-membri tal-Kunsill dwar ix-xoghol li suppost qed jissorvelja l-CM, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mal-CM dwar l-andament tax-xoghlijiet li qed jaghmlu d-diversi kuntratturi fil-lokal.

6.24. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4352/14/I** 11/09/2014 | Email minghand id-DGL fejn infurmaw lill-Kunsill li rcievew ilment li fi Triq Profs. Walter Ganado hemm gabbana bla permess u li hdejha hemm ghalqa fejn xi hadd dahal fiha u qed irabbi l-fniek minghajr permess. |
| **46/4369/14/O** 12/09/2014 | Risposta li l-Kunsill baghat lid-DGL fejn gew infurmata li d-Dipartiment jista' jivverifikaw facilment jekk ghandhomx permess jew le u jittiehdu l-passi necessarji. |
| **46/4478/14/I** 19/09/2014 | Email minghand id-DGL fejn b'referenza ghall-gabbana ta' Triq Profs. Walter Ganado nformaw lill-Kunsill, li l-Kunsill huwa responsabbli ta' l-infurzar u jekk hemm xi irregolaritajiet ghandu l-obbligu jirraporta lill- |

entitajiet koncernati.

6.26. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4352/14/I, 46/4369/14/O u 46/4478/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill, kif mitlub mid-DGL, igib ghall-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet koncernata jigifieri Dipartiment ta' l-Artijiet, l-MTA u MEPA, il-fatt li fil-parkegg li hemm biswit Triq il-Profs. Walter Ganado hemm gabbana stazzjonata fuq il-post u jigu mitluba jivverifikaw jekk hemmx il-permessi kollha necessarja.

6.27. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4368/14/I** **12/09/2014** Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn iccertifika l-ammont ta' €16,198.83 tax-xoghol li sar fil-Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta.

6.29. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4368/14/I**, wara diskussjoni li kien hemm, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-hlas ma jsirx qabel ix-xoghol jitlesta kollu.

6.30. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4371/14/I** **12/09/2014** Email minghand Nick D'Ancona fejn qed joffri s-servizzi tieghu sabiex jigi rrangat it-tennis court li hemm mal-Gnien 4 ta' Lulju u dan sabiex isir pubbliku b'sistema bhal dak tas-Swieqi.

6.32. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4371/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-sinjur biex tigi diskussa l-proposta tieghu.

6.33. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dan il-multi purpose court ghandu jigi upgraded billi jerga' jinzebagh l-art, isiru l-marki tad-diversi dixxiplini u jsiru xi multi purpose equipment li jintuza aktar minn attivita' sportiva wahda (futbol, netbol, basketball, ecc).

6.36. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4431/14/I** **16/09/2014** Email minghand l-MIB fejn staqsew jekk il-Kunsill hux ser igedded il-polza ta' l-assigurazzjoni li taghlaq fl-ahhar ta' Settembru 2014.

6.38. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4431/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jerga' jgedded din il-polza sakemm jinqata' l-appell.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4453/14/I** **17/09/2014** Email minghand l-iskola tal-Verdala fejn b'referenza ghall-attivita' li qed jippropni l-Kunsill staqsew jekk jistghux jiltaqghu mal-Kunsill nhar it-22 ta' Settembru fis-1.00pm jew 24 ta' Settembru fid-9.15am jew 30 ta' Settembru fis-1.00pm.

6.41. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4453/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Ghaqda Poeti Maltin qed jissuggerixxu lejla ta' qari ta' poezija li mhux necesserjament tkun bil-lingwa Maltija u li tista' tkun marbuta wkoll m'attivita'

muzikali. Ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' l-amministrazzjoni tal-Verdala ladarba il-Kunsill jircievi aktar informazzjoni minghand l-Ghaqda.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4461/14/I** 17/09/2014 | Email minghand il-Primary Health Care fejn infurmaw lill-Kunsill rigward il-Kampanja tat-Tilqim ghal Influwenza ghas-sena 2014 fejn talbu sabiex sa nhar it-18 ta' Ottubru nibghatu lista ta' persuni l'fuq minn 55 sena li huma nteressati li jiehdu t-tilqma. |
| **46/4490/14/O** 22/09/2014 | Email li l-Kunsill baghat lil 3 kumpaniji fejn tlabna kwotazzjoni ghal servizz ta' nurse biex taghti t-tilqima ta' l-influwenza. |

6.44. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4461/14/I u 46/4490/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li tintghazel l-irhas offerta u s-servizz jinghata il-Hamis 6 (filghaxija) u l-Gimgha 7 (filghodu) ta' Novembru 2014. Il-kelliem ippropona wkoll li tintbaghat cirkulari fid-djar kollha tal-lokal.

6.45. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4470/14/I** 18/09/2014 | Email minghand id-DGL fejn baghtu gwida ta' x'ghandu jaghmel il-Kunsill jekk ikun affettwat bl-upgrade li qed isir fl-Office Outlook. |

6.47. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4470/14/I** is-Sindku Dean Hili talab li l-Kunsill jiehu decizjoni dwar din il-materja fil-laqgha li jmiss wara li tinkiseb stima ta' kemm jiswa dan is-Software.

| | |
|---|---|
| **46/4511/14/I** 23/09/2014 | Stima minghand il-J&K Contractors Ltd. ghall-manutenzjoni ta' bankina fi Triq il-Mediterran (sabiex issir accessibbli u titwessa) ghall-prezz ta' €3,297.69. |

6.48. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4511/14/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa biex din il-bankina ssir accessibbli.

6.49. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4512/14/I** 23/09/2014 | Stima minghand il-J&K Contractors Ltd. ghall-manutenzjoni ta' giebja fi Triq San Patrizju ghall-prezz ta' €5,575.00. |

6.51. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4512/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li decizjoni dwar x'ghandu jsir biex jingabru stimi godda ghandha tittiehed wara li jitqabbad Perit gdid u jsir BOQ mill-istess Perit.

6.52. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Peress li ma kienx hemm proposti godda s-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 09. Aggudikar ta' Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014.

9.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Internal Memos 051/2014 u 056/2014**. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla unanimament kien qed jirrakkomanda li **Tender 03/2014 - Collection of Mixed Household Waste in an environmentally friendly matter** ghandha tinghata lill-kumpanija **Christopher Galea & Family** abbazi li **mill-process tal-MEAT l-offerta taghhom irrizultat li hija l-aktar vantagguza u l'aktar li kisbet punti**. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla unanimament kien qed jirrakkomanda li **Qt 12/2014 – materjal ghall-latrini pubblici** ghandha tinghata lill-kumpaniji li ghandhom l-irhas prezzijiet. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni. Re items jinxtaw mill-Kunsill.

9.05. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Specifikazzjonijiet ghat-tenders li ser jinhargu.

10.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill l-ispecifikazzjoni ghal Tender 02/2014 - Professional Services of an Architect & Civil Engineer, Tender 04/2014 - Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements, Tender 05/2014 - Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads u Tender 06/2014 - Upkeep & Maintenance of Traffic Signs.

10.02. Wara diskussjoni li saret, il-kelliem ippropona li dawn l-ispecifikazzjonijiet jigu approvata. **(Ara Dok 3, 4, 5 u 6)**

10.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li tinhareg Tender 07/2014 - Christmas street lights decorations bil-mizata ghal kull dokument tkun ta' €10.00 **(Ara Dok 7)**

10.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Is-Sindku Dean Hili ppropona li s-servizz minghajr hlas li ghandu l-Kunsill dwar Clamping & Removal of Motor Vehicles & Encumbering Objects li ser jiskadi fit-30/09/2014, ghandu jiggedded ghal sena ohra.

10.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 8, 9 u 10)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata bit-tnaqqis propost ghajr ghall-hlasijiet referenza 700 sa 709 fejn ma gewx approvata.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lil TM biex jitnehha l-Bus Shelter li hemm fid-dahla ta' Pembroke fi Triq Sant'Andrija u ghandu jigi upgraded dak li hemm aktar l'isfel fid-direzzjoni lejn San Giljan minhabba li meta jkun hemm il-karozzi tal-linja wieqfa fuqu qed jimblokkaw l-flow tat-traffiku tal-hrug ta' Pembroke.

12.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Dipartiment ghax-Xoghlijiet u l-Infrastruttura fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, ipprovda lill-Kunsill 15-il litter bin kbar u ghalhekk staqsa lill-membri tal-Kunsill fejn jixtiequ li dawn jitwahhlu fil-lokal.

12.05. Wara diskussjoni, s-Sindku Dean Hili ppropona li Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jipprovdi lill-membri tal-Kunsill pjanta mmarkata dwar fejn jinsabu l-bins li diga hemm imwahhla sabiex ikunu jistghu jibghatu s-suggerimenti taghhom kif ukoll isir komunikat mal-kuntrattur tal-knis u mal-CM biex huma ukoll jaghtu s-suggerimenti taghhom.

12.06. Il-Vici s-Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.08. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li jigi rrangat il-hajt kollu li hemm fil-parkegg ta' Triq Tunis faccata l-Pembroke Racket Tennis Club.

12.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.11. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-9.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg 21/10/14 |
| *Sindku* | *Segretarju Ezekuttiv* |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 056/2014** **3 ta' Settembru 2014**

## Bod ta' l-Għażla Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014

Il-Bord ta' l-Għażla ltaqa' nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014 fis-2.15pm. Preżenti s-Sindku Dean Hili, il-Viċi s-Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Charles Cesare u Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba xogħol.

Qabel il-Bord beda jiddiskuti l-offerti, il-membri ġew infurmati li fil-jiem ta' qabel kienet intbagħtet email lil dawk l-offerenti kollha li għandhom il-Bid Bond tagħhom li ser tiskadi, fejn ġew mitluba li din tiġġedded jekk iridu jkunu kkunsidrata u dan sabiex jiġi evitat li tintagħżel xi offerta u waqt il-laqgħa tal-Kunsill ikun jirriżulta li l-Bid Bond ma tkunx ġiet imġedda.

| **Tender 03/2014 - Collection of Mixed Household Waste** | |
|---|---|
| **Name of Bidder** | **Prezz fis-sena** |
| SRF & Veladrians Joint Venture | 37,050.00 |
| Christian Galea & Family | 37,960.00 |
| Philip Seguna | 61,360.00 |
| Borg Skip Hire Service | 37,427.00 |
| Waste Collection Ltd. | 27,770.60 |
| Sammy Borg Enterprises Ltd. | 54,774.20 |

Wara li l-membri tal-Bord flew id-dokumenti kollha ta' l-offerti nkluż ukoll l'iddiskutew fid-dettal ir-rapport ta' l-intervisti li saru ma' kull kuntrattur (Ref. Internal Memo 051/2014), il-membri tal-Bord qablu unanimament li l-offerta ta' :

- **Philip Seguna** għandha tiġi skartata minħabba li ma kienetx Administrative Complaint peress li l-Garanzija Bankarja kienet anqas minn dak mitlub abbażi tal-prezz sottomess fl-offerta tiegħu,

- **Borg Skip Hire Service** għandha tiġi skartata minħabba li ma kienetx Administrative Complaint peress li ma ġiex sottomess id-dokument kollu ta' l-offerta nkluż kopja tiegħu kif rikjest f'paġni 4 u 77 tad-dokument ta' l-offerti,
- **Waste Collection Ltd.** għandha tiġi skartata minħabba li ma kienetx Administrative Complaint peress li ma ġiex sottomess kopja tad-dokument ta' l-offerta kif rikjest f'paġni 77 tad-dokument ta' l-offerti, u
- **Sammy Borg Enterprises Ltd.** għandha tiġi skartata minħabba li ma kienetx Administrative Complaint peress li li ma ġiex sottomess id-dokument kollu ta' l-offerta nkluż kopja tiegħu kif rikjest f'paġni 4 u 77 tad-dokument ta' l-offerti.

Il-Bord qablu ukoll unanimament li l-offerti li ma kienux Administrative Complaint kif deskritt qabel, kellhom ukoll numru ta' dokumenti nieqsa, fosthom:

- **Philip Seguna** ma kellux (1) Ittra ta' referenza, (2) Ittra ta' referenza mill-Bank, (3) Ċertifikati ta' l-ETC, (4) Work Plan, (5) CV's, u kellu trakk wieħed biss li seta' jiġi kkunsidrat (JBO269)
- **Borg Skip Hire Service** ma kellux (1) Non-Collusive Tendering Certificate iffirmat, (2) Declaration of Non involvement iffirmat, (3) Work Plan, (4) CV's, u kellu trakk wieħed biss li seta' jiġi kkunsidrat (DBV467)
- **Waste Collection Ltd.** ma kellux (1) Dokument li jindika li għandu 5 snin esperjenza mal-Kunsilli Lokali, (2) It-trakk provdut huwa żgħir wisq (LCR702) u għalhekk l-iskart kien ser ikollu jinġabar f'aktar minn vjeġġ wieħed bil-konsegwenza li dan ser idum aktar fuq il-bankini u wara l-bibien tan-nies.
- **Sammy Borg Enterprises Ltd.** ma kellux (1) Dokument li jindika li għandu 5 snin esperjenza mal-Kunsilli Lokali, u (2) CV's ta' l-impjegati.

Dan kollu fisser li l-offerti ta' **SRF & Veladrians Joint Venture** u **Christian Galea & Family** kienu l-unika żewġ offerti li provdew id-dokumenti kollha neċessarja u setgħu jiġu kkunsidrata mill-Bord ta' l-Għażla.

F'dan l-istadju kull membru tal-Bord ta l-punti tiegħu abbażi ta' kriterji li kienu elenkati fid-dokument tat-tender fejn il-persentaġġ kien maqsum 40% fuq il-prezz u 60% fuq bażi teknika.

Wara li nħadmu l-punti rriżulta li l-offerta ta' **Christian Galea & Family** kisbet l-aktar punti u għalhekk abbazi tal-proċess MEAT ġiet dikjarata l-aktar vantaġġuża.

## Kwotazzjoni 12/2014 – Materjal għall-Latrini Pubbliċi

Peress li hemm diversi itmes differenti mingħand diversi suppliers, il-membri tal-Bord qablu unanimament li l-Kunsill jagħżel dawk l-items li jkunu l-irħas u ta' l-aħjar kwalita' u dan wara li jinġabru stimi mingħand persuni u kumpaniji li jistgħu jagħmlu x-xogħol li hemm bżonn fil-latrini biex dawn ikunu jistgħu jerġgħu jinfetħu. Il-Bord qabel ukoll li

jirrakkomandaw lill-Kunsill li l-Kunsill għandu jixtri l-materjal li jkun hemm bżonn u min ser jagħmel ix-xogħol jitħallas biss bħala fattura (labour).

Il-laqgħa ntemmet fl-4:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dean Hili | Raymond Lanzon | Evelyn Vella Brincat | Charles Cesare |
| ***Sindku*** | ***Viċi Sindku*** | ***Kunsillier*** | ***Kunsillier*** |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

| ITEM | CRITERIA TEST Closing date - 07/07/2014 | BIDDER | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | SRF & Veladrians Joint Venture | Christian Galea & Family | Philip Seguna | Borg Skip Hire Service | Waste Collection Ltd. | Sammy Borg Enterprises Ltd. |
| 1 | Bid Bond Amount | €2,329.37 | €2,330.00 | €1,165 00 | €1,164.69 | €1,165.00 | €5,823.43 |
| 2 | Bid Bond | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 3 | Original Version | Yes | Yes | Yes | No | Yes | No |
| 4 | Copy Version | Yes | Yes | Yes | No | No | No |
| | | PASS | PASS | FAIL | FAIL | FAIL | FAIL |
| | *Administrative Criteria* | | | | | | |
| 5 | Years in Experience (Min 5 years) | Yes | Yes | Yes | Yes | No | No |
| 6 | Minimum of one reference letter | Yes | Yes | No | Yes | Yes | Yes |
| 7 | Bank reference letter | Yes | Yes | No | Yes | Yes | Yes |
| 8 | Conformity with LN106/2007 - MEPA | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 9 | Tender Document | Yes | Yes | Yes | No | Yes | No |
| 10 | Form of Tender for Goods and Services | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 11 | Non-Collusive Tendering Certificate | Yes | Yes | Yes | No | Yes | Yes |
| 12 | Declaration of Non-Involvement | Yes | Yes | Yes | No | Yes | Yes |
| 13 | BOQ | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 14 | Company Profile & Client List | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 15 | Recent Copy of Police Conduct | Yes | Yes | Yes | No | Yes | Yes |
| 16 | ETC Certificates | Yes | Yes | No | Yes | Yes | Yes |
| 17 | Work Plan | Yes | Yes | No | No | Yes | Yes |
| 18 | Detailed CV's | Yes | Yes | No | No | Yes | No |
| 19 | Statement on Condition of Employment | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| 20 | Declaration of Understanding | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes | Yes |
| | PASS ALL ITEMS 5 TO 12 | PASS | PASS | FAIL | FAIL | FAIL | FAIL |
| | Vehicles Reg Details | ADR300 - Euro 4<br>SRF078 - Euro 4 | GCS290<br>DK08 LUA - Euro 5 | JBO269 - Euro 4<br>IBN956 - Euro 3 | DBV467 - Euro 4<br>IBP181 - Euro 3 | LCR702 - Euro 5<br>TOP001 - Euro 4 | CBZ706 - Euro 5<br>FCF558 - Euro 5 |
| | | | Extra 3 skips free | | | | |

| Score | Description |
|---|---|
| 5 | Superior, beyond expectations. Offers an excellent level of performance that exceeds notional requirements. Represents industry best practice. |
| 4 | Very good, negligible risk of failure. Satisfies the selection criterion in all respects. Highly competent and above average. |
| 3 | Satisfies all requirements. Average, acceptable and compliant. Successful completion highly probable. No shortcomings apparent. |
| 2 | Acceptable and mainly compliant, generally meets the requirements except for minor aspects and shortcomings. Successful completion likely. |
| 1 | Marginally adequate, does not satisfy all requirements. Successful completion uncertain. Concerns regarding competence or capacity and ability to successfully fulfil the contract requirements. |
| 0 | Non – Compliant. Fails to satisfy specified requirements. |

| Name of Bidder | Address | Price in €, including VAT |
|---|---|---|
| SRF & Veladrians Joint Venture | Ferndale 2, Independence Street, Gharghur, GHR 1663. | 37,050.00 |
| Christian Galea & Family | Casa Galea, St. Mary Street, Maghtab, Naxxar. | 37,960.00 |
| Philip Seguna | Casa Lorranine, Triq il-Qubbajd, Zebbug. | 61,360.00 |
| Borg Skip Hire Service | 13, Sir Paul Boffa Street, Zejtun. | 37,427.00 |
| Waste Collection Ltd. | 131, Mdina Rod, Zebbug, ZBG 9015. | 27,770.60 |
| Sammy Borg Enterprises Ltd. | Lourdes, B'Kara Road San Gwann. | 54,774.20 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

| Criteria | Weighting (%) | |
|---|---|---|
| Price | 40 | |
| Human resources to be dedicated to the contract | 9 | 60% of 15 |
| Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract | 6 | 60% of 10 |
| Date of manufacture of collection vehicle/s | 6 | 60% of 10 |
| Engine model of collection vehicle | 12 | |
| Euro 4 – 10 point | max 6 | 60% of 10 |
| Euro 5 - 15 points | max 9 | 60% of 15 |
| Euro 6 – 20 points | max 12 | 60% of 20 |
| Reference(s) of successfully completed contracts of similar nature and execution | 12 | 60% of 20 |
| Number of default notices issued to the bidder on past contracts – the past 36 months only. | 15 | 60% of 25 |
| **TOTAL (out of 100%)** | **100** | |

| Name | Organisation |
|---|---|
| Mayor Dean Hili | Pembroke Local Council |
| Deputy Mayor Raymond Lanzon | Pembroke Local Council |
| Councillor Evelyn Vella Brincat | Pembroke Local Council |
| Councillor Charles Cesare | Pembroke Local Council |

**Score: Assessor No. 1**

